MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 68/2012

Avukat Frank B. **TESTA** debitament awtorizzat in rappreżentanza ta' Joseph u John Sammy, aħwa Micallef

vs

**L-ONOREVOLI PRIM MINISTRU** u l-Avukat Ġenerali għal kull interess li jista' jkollu, u b'degriet tal-21 ta' Novembru, 2012, issejjaħ fil-kawża l-Kummissarju tal-Artijiet

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-2 ta' Ottubru, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrent *nomine* talab li l-Qorti (a) ssib li t-teħid mill-Gvern tal-fondi bin-numri tlettax (13),

erbatax (14) u ħmistax (15) fi Triq San Filippu, l-Birgu (li huwa ġid li ġej lir-rikorrenti *proprio* mill-awturi tagħhom fit-titolu), b'dikjarazzjoni magħmula fl-20 ta' Mejju, 1949, b'titolu ta' pussess u użu għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi[1], in-nuqqas ta' użu tal-imsemmi ġid għal bosta snin għall-għan li għalih ittieħed mill-Gvern, in-nuqqas ta' aġġustament fil-kera mħallas lill-awturi tagħhom u lilhom matul dak iż-żmien kollu u d-dikjarazzjoni tal-President tal-4 ta' Mejju, 2011, li bis-saħħa tagħha l-istess ġid kien inkiseb mill-Gvern b'titolu ta' xiri assolut, kisru l-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom u b'mod partikolari d-dritt fundamentali tagħhom kif imħares bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Kostituzzjoni") u bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); (b) tillikwida l-kumpens xieraq u mistħoqq li jmissu jitħallas lilhom minħabba dak il-ksur tal-jeddijiet tagħhom; u (ċ) tagħtihom dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għall-ħarsien tal-jeddijiet fundamentali tiegħu u għar-risarċiment xieraq;

Rat id-degriet tagħha tat-15 ta' Ottubru, 2012, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati u qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tal-21 ta' Novembru, 2012;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Onorevoli Prim Ministru u Avukat Ġenerali fl-20 ta' Novembru, 2012, li biha laqgħu għall-azzjoni tar-rikorrent billi, b'mod preliminari, qalu li mhumiex il-kontraditturi leġittimi tal-imsemmija azzjoni billi skond l-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-ebda wieħed minnhom ma għandu s-setgħa bil-liġi li jieħu ġid għal skopijiet pubbliċi u lanqas li jagħti l-kumpens għal dan;  talbu s-sejħa fil-kawża tal-Kummissarju tal-Artijiet bħala l-persuna passivament leġittimata biex twieġeb għall-ilment tar-rikorrenti; qanqlu l-kwestjoni tal-integrita' tal-ġudizzju billi ż-żewġ rikorrenti mhumiex is-sidien waħedhom tal-ġid li

[1] Dak iż-żmien Kap 136 tal-Liġijiet ta' Malta (illum Kap 88)

dwaru nfetħet din il-kawża, u f'kull każ, talbu li r-rikorrenti jressqu prova tat-titolu tagħhom fuq l-imsemmija postijiet; li r-rikorrenti qegħdin jabbużaw minn din il-proċedura kostituzzjonali meta huma u l-awturi tagħhom setgħu nqdew bir-rimedji ordinarji u effettivi li kienet tagħti l-liġi kemm taħt il-Kapitolu 136 tal-Liġijiet ta' Malta u kemm taħt il-Kapitolu 88 tal-istess u għalhekk il-Qorti jmissha tqis jekk għandhiex tastjeni milli tisma' l-kawża skond kif jgħidu l-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u dak tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta; u li, f'kull każ, li ma jistax jingħad li hemm ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artiklu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni dwar it-tħaddim ta' xi liġi li kienet fis-seħħ qabel Marzu tal-1962, bħalma tabilħaqq ġara f'dan il-każ. Ressqu eċċezzjonijiet oħrajn fil-mertu;

Rat id-degriet tagħha tal-21 ta' Novembru, 2012[2], li bih ordnat is-sejħa fil-kawża tal-Kummissarju tal-Artijiet;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Kummissarju msejjaħ fil-kawża fis-6 ta' Diċembru, 2012, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrenti billi, b'mod preliminari, qal li teżisti l-problema tan-nuqqas tal-integrita' tal-ġudizzju billi ż-żewġ rikorrenti mhumiex is-sidien waħedhom tal-ġid li dwaru nfetħet din il-kawża, u f'kull każ, talab li r-rikorrenti jressqu prova tat-titolu tagħhom fuq l-imsemmija postijiet; li r-rikorrenti qegħdin jabbużaw minn din il-proċedura kostituzzjonali meta huma u l-awturi tagħhom setgħu nqdew bir-rimedji ordinarji u effettivi li kienet tagħti l-liġi kemm taħt il-Kapitolu 136 tal-Liġijiet ta' Malta u kemm taħt il-Kapitolu 88 tal-istess u għalhekk il-Qorti jmissha tqis jekk għandhiex tastjeni milli tqis l-azzjoni taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq imsemmija; u li, f'kull każ, li ma jistax jingħad li hemm ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artiklu 47(9) tal-istess Kostituzzjoni dwar it-tħaddim ta' xi liġi li kienet fis-seħħ qabel Marzu tal-1962, bħalma tabilħaqq ġara f'dan il-każ. Ressaq eċċezzjonijiet oħrajn fil-mertu;

---

[2] Paġ. 27 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Diċembru, 2012[3], li bih ordnat li ssir it-trattazzjoni tat-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju msejjaħ fil-kawża[4] dwar jekk il-Qorti għandhiex tinqeda bid-diskrezzjoni tagħha li ma tismax il-kawża minħabba li r-rikorrenti naqsu li jinqdew bir-rimedji ordinarji li taghtihom il-liġi;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-imsejjaħ fil-kawża dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Marzu, 2013[5], li bih tat żmien lir-rikorrenti biex jiddikjaraw b'nota dwar kif kien beħsiebhom jirregolaw irwieħhom dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrent *nomine* fil-5 ta' April, 2013[6];

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Ġunju, 2013[7], li bih u fuq talba tal-avukati tal-partijiet, awtoriżżathom iressqu sottomissjonijiet miktuba dwar it-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati u mill-imsejjaħ fil-kawża fis-26 ta' Ġunju, 2013[8], dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari tagħhom;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent *nomine* fl-20 ta' Awwissu, 2013[9], bi tweġiba għal dik tal-intimati dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Semgħet is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

---

[3] Paġ. 40 tal-proċess
[4] Din l-eċċezzjoni tista' wkoll tintrabat mal-ħames eċċezzjoni tal-intimati l-oħrajn
[5] Paġ. 48 tal-proċess
[6] Paġ. 49 tal-proċess
[7] Paġ. 53 tal-proċess
[8] Paġġ. 54 – 8 tal-proċess
[9] Paġġ. 62 – 72 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2013, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni dwar ilment ta' ksur tal-jedd fundamentali għat-tgawdija bil-kwiet ta' possedimenti u għall-ħarsien mit-teħid ta' proprjeta' b'kumpens xieraq. Ir-rikorrent *nomine* jgħid li l-kostitwenti tiegħu ġarrbu dan il-ksur, kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, u dan fi tliet (3) ċirkostanzi: (i) meta, wara li bini li jinsab fil-Birgu u li minnu għandhom sehem iż-żewġ rikorrenti *proprio*, ttieħed mill-Gvern fl-1949 b'titolu ta' pussess u użu, għal żmien twil ma sarx użu minnu għall-għan li għalih ittieħed; (ii) meta għal żmien twil ma saret l-ebda żieda fil-ħlas tal-kera lis-sidien għall-bini li l-Gvern kien ħa; u (iii) meta, fl-2011, is-sidien ma kinux ġew mgħarrfa li kienet ħarġet Dikjarazzjoni tal-Predisent li l-bini nkiseb mill-Gvern b'titolu assolut u li l-Gvern kien kiseb dak il-ġid filwaqt li l-kumpens li kien ingħata ma kienx xieraq u ma jirrispekkjax il-valur fis-suq tal-bini hekk miksub;

Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet preliminari u wkoll fil-mertu. Fost l-eċċezzjonijiet preliminari, qalu li qabel ma nfetħet din il-kawża, r-rikorrenti *proprio* (u kif ukoll l-awturi tagħhom fit-titolu qabilhom) naqsu li jinqdew b'rimedji ordinarji mogħti lilhom mil-liġi, u li għadhom jistgħu jieħdu llum ukoll, u għalhekk il-Qorti għandha tqis jekk imisshiex tisma' l-kawża skond dak li jrid il-*proviso* tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi s-sentenza tal-lum qiegħda tingħata dwar din l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Illi minkejja li l-eċċezzjoni hi, fin-natura tagħha, waħda ta' sura legali, jkun xieraq li jissemmew xi <u>fatti rilevanti</u> li

jgħoddu għall-każ. Dan qiegħed jingħad ukoll minħabba li, f'xi każijiet, ikun xieraq li qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tqis eċċezzjonijiet bħal dawn, ikollha quddiemha mqar il-qafas taċ-ċirkostanzi li jgħinha ssawwar fehma mad-daqqa t'għajn tal-istedina li tkun qiegħda ssirilha min-naħa tal-intimat li jqanqal eċċezzjonijiet ta' din l-għamla[10];

Illi f'dan il-każ, il-kwestjoni tintrabat ma' ġid li jagħmel minn korp ta' bini li (kien) jinsab f'numru tlettax (13), erbatax (14) u ħmistax (15), Triq San Filippu, l-Birgu. Missier iż-żewġ rikorrenti – Salvatore Micallef – kellu sehem ta' kwart ($^{1}/_{4}$) mhux maqsum mill-imsemmi bini. Ir-rikorrenti *proprio* jgħixu fir-Renju Unit;

Illi fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tal-20 ta' Mejju, 1949, kienet inħarġet Dikjarazzjoni tal-Gvernatur-Ġenerali li l-bini msemmi kien sejjer jittieħed b'titolu ta' pussess u użu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza tal-1936 dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi. Fis-6 ta' Ottubru, 1956, l-imsemmi Salvatore Micallef għadda sehemu mill-imsemmija bini lill-Gvern ta' Malta b'titolu ta' pussess u użu bis-saħħa ta' żewġ kuntratti pubbliċi fl-atti tan-Nutar tal-Gvern. Il-kera mogħti lis-sidien kien iffissat mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-somma ta' ħames liri (£5) fis-sena għall-fond numru 13[11], u seba' liri u nofs (£7.10/-) fis-sena dwar il-post 14/15[12], jitħallsu kull sitt (6) xhur bil quddiem;

Illi fiż-żmien li kienet inħarġet id-Dikjarazzjoni, l-bini kien iġġarraf b'azzjoni tal-għadu[13]. Wara li ttieħed mill-Gvern taħt titolu ta' użu u pussess, minflok il-bini (flimkien ma' bini ieħor fl-inħawi li wkoll kien twaqqa' b'ħidma tal-għadu) ttellgħu djar (appartamenti) tal-Gvern għall-abitazzjoni[14];

Illi f'Novembru tal-2000[15], il-Kummissarju tal-Artijiet bagħat jgħarraf lir-rikorrent *proprio* Joseph Micallef li kienet mietet il-persuna li f'ismu kienet tilqa' l-ħlas tal-kera

---

[10] Kost. **23.6.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Brian Vella vs L-Avukat Ġenerali et***
[11] Dok "B", f'paġ. 6 tal-proċess
[12] Dok "Ċ", f'paġ. 7 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Margaret Falzon 6.2.2013 f'paġ. 42 tal-proċess
[14] Ara ritratti Dok "4", f'paġ. 24 tal-proċess
[15] Dok "D" f'paġ. 8 tal-proċess

(li wkoll kien jismu Joseph Micallef), u biex jekk hu mħajjar li jibqa' jirċeviha, jibgħat prokura bl-isem tal-persuna maħtura biex tibqa' tirċievi l-kera f'isem il-werrieta ta' Salvatore Micallef;

Illi b'Dikjarazzjoni tal-President maħruġa fil-Gażżetta tal-Gvern tal-4 ta' Mejju, 2011, il-Gvern ħa l-imsemmi ġid b'titolu assolut u l-kumpens stabilit kien ta' elf mija u ħamsa u sittin euro (€ 1165) għall-post numru 13 kollu, u l-kumpens ta' elf seba' mija u sebgħa u erbgħin euro u ħmistax-il ċenteżmu (€1,747.15) għall-post 14/15 kollu. Is-somma ffissata tqiegħdet f'bank kummerċjali f'Mejju tal-2011, fuq talba tal-Assistent Direttur tad-Direttorat tal-Artijiet[16];

Illi matul iż-żmien li għalihom jirreferu l-ilmenti tar-rikorrenti *proprio* ma jidher li ttieħdu l-ebda proċeduri f'xi qorti mis-sidien biex jikkontestaw il-miżuri meħuda mill-Gvern;

Illi r-rikorrent *nomine* fetaħ din il-kawża fit-2 ta' Ottubru, 2012;

Illi l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-eċċezzjoni taħt eżami billi tirrileva li, minn mindu l-kawża tqiegħdet għas-smigħ u kull darba li ngħata s-smigħ, ir-rikorrent *nomine* ma deher qatt quddiem il-Qorti, għalkemm kien jidher avukat għalih. Lanqas ma ressaq xi provi biex jirribatti l-eċċezzjonijiet imressqa, wkoll dawk ta' xejra preliminari, li l-intimati ġabu l-provi tagħhom dwarhom. Minħabba li r-rikors promotur inħalef mir-rikorrent, il-Qorti setgħet tqis dak li ngħad fih bħala prova, għall-anqas għall-finijiet tal-istadju preliminari li l-kawża waslet fiha s'issa;

Illi l-Qorti tqis li r-rikorrent *nomine* jsejjes il-każ tiegħu fuq ksur ta' jedd wieħed – dak marbut mat-tgawdija tal-ġid u tal-ħarsien minn teħid tiegħu b'kumpens xieraq – kemm taħt il-Kostituzzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni;

---

[16] Dokti "1" u "2", f'paġġ. 21 – 2 tal-proċess

Illi l-intimati jsejsu l-eċċezzjoni tagħhom fuq il-fatt li la r-rikorrenti *proprio* u lanqas l-awturi tagħhom fit-titolu qatt nedew proċeduri quddiem xi qorti jew tribunal biex jikkontestaw xi wieħed mill-egħmejjel imwettqa mill-awtoritajiet pubbliċi. Iżidu jgħidu li f'kull waqt il-liġi kienet tagħti rimedju "ordinarju" lil min kien jinsab fl-istess qagħda tagħhom. Iżidu jgħidu li, wara l-aħħar żviluppi fejn il-Gvern qatagħha li jieħu l-ġid taħt titolu ta' xiri assolut, ir-rikorrenti għadhom jistgħu jinqdew b'dawk ir-rimedji. Huma jgħidu li l-azzjoni miftuħa lir-rikorrenti kienet u għadha tagħtihom rimedju xieraq u effettiv jekk tassew iridu jħarsu l-jeddijiet tagħhom. Jixlu lir-rikorrenti li, għal tul ta' żmien qagħdu passivi u lanqas biss taw it-tagħrif mitlub lilhom mill-awtoritajiet biex ikunu jistgħu jittrattaw direttament magħhom, biex imbagħad, f'daqqa waħda, qabdu u bdew din il-proċedura "straordinarja" bil-kawża tal-lum;

Illi bħala r-rimedji li r-rikorrenti setgħu jinqdew bihom tul iż-żmien li l-ġid kien miżmum taħt titolu ta' pussess u użu, l-intimati jsemmu azzjoni quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet taħt l-artikolu 20(3) tal-Kap 136. Huma jgħidu li missier ir-rikorrenti *proprio* mhux talli ma ikkontestax il-kera ffissat, talli f'Ottubru tal-1956 daħal f'kuntratt mal-Gvern biex iwettaq dak it-teħid. Imbagħad, is-sidien lanqas ma nqdew bil-proċedura maħsuba fl-artikolu 18(1) tal-Kap 88 li biha kellhom jedd jibdew proċedura f'kull waqt hekk kif għaddew għaxar snin minn meta l-ġid tagħhom ittieħed b'titolu ta' pussess u użu. Fir-rigward tad-Dikjarazzjoni tal-President maħruġa fl-2011, l-intimati jgħidu li r-rikorrenti għandhom ir-rimedju mogħti lilhom mill-artikolu 22(6) tal-Kap 88, ladarba huma jwettqu l-ħtiġijiet li titlob il-liġi f'dak li jirrigwarda l-prova tat-titolu għall-ġid li jkun[17]. Kull dewmien fit-teħid ta' dak ir-rimedju jaħtu għalih l-istess rikorrenti u mhux l-awtoritajiet ta' Malta;

Illi, min-naħa tiegħu, r-rikorrent *nomine* iwarrab l-argumenti tal-intimati u tal-Kummissarju msejjaħ fil-kawża billi jgħid li l-ebda proċedura ordinarja maħsuba fil-liġi

---

[17] Ara Kost **11.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Azzopardi noe vs Kummissarju tal-Artijiet et*** § 17 f'paġ. 19

tagħna ma hija tajba u effettiva biżżejjed biex tagħmel tajjeb għar-rimedju li jista' jingħata f'din il-kawża. Jisħaq li l-kwestjoni m'hijiex waħda ta' sempliċi għoti ta' kumpens, imma tirrigwarda l-kwestjoni tat-teħid tal-possediment għal żmien twil bla ma sar użu mill-ġid għall-għan li għalih kien ittieħed u biċ-ċaħda tat-tgawdija tiegħu min-naħa tas-sidien kostitwenti tiegħu. Iżid jgħid li, wkoll kieku s-sidien kellhom tassew iduru lejn ir-rimedji ordinarji maħsuba mil-liġi, dan ma kienx se' jagħti rimedju effettiv għall-ksur imġarrab minnhom. F'kull każ, l-għażla ta' qorti li ma tismax każ ta' lment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali minħabba l-eżistenza ta' rimedji ordinarji hija waħda diskrezzjonarja u ma torbotx idejn il-Qorti milli taċċetta li tisma' l-każ;

Illi kif ingħad għadd ta' drabi, l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[18]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta waħda jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd

[18] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)

fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad b'għaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfittxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[19] lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[20];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[21]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, għaliex ikun biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[22]. Fuq kollox, ir-rimedju "ordinarju" mogħti jgħodd ukoll fejn dan jingħata bis-saħħa ta' liġi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fondamentali li diġa' seħħ jew li x'aktarx iseħħ[23];

Illi joħroġ ukoll li l-eżistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eċċezzjoni. F'dan il-każ, kienu l-intimati li qajmu l-eċċezzjoni li r-rikorrenti *proprio* jew l-awturi tagħhom naqsu li jinqdew b'rimedji oħra li kellhom għad-dispożizzjoni tagħhom, u huwa għalhekk dmir tagħhom li juru li r-rikorrenti *proprio* tassew kellhom dak ir-rimedju u li naqsu li jinqdew bih;

Illi f'dan ir-rigward ingħad li "*Remedies must be real and practical and not theoretical or illusory, e.g. genuine fear*

---

[19] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***

[20] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***

[21] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)

[22] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

[23] Kost. **11.4.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Brincat et vs Policy Manager ta' Malta Shipyards et***

*of reprisals, intimidation. Account will be taken not only of the personal circumstances of the applicant, but the general legal and political context in which the alleged remedies operate. An unduly formalistic approach is not to be taken by the Convention organs which will apply a certain degree of flexibility. Remedies must be effective, i.e. capable of providing redress for the complaint...; the speed of the procedure may also be relevant to its effectiveness; the remedy must be capable of remedying directly the state of affairs; form part of the normal process of redress and involving normal use of the remedy...; be accessible...; offer reasonable prospects of success; a mere doubt as to the prospect of success in going to court does not exempt from exhaustion. Where case-law is unclear, contradictory or in the process of ongoing interpretation, an applicant may be expected to pursue an action or appeal which allows the courts to rule on the issues. ... Also, if there is more than one remedy available, an individual is not required to try more than one; an applicant is generally not required to try the same body again by way of a repeated request or application*"[24]. Fil-fehma tal-Qorti, dawn ir-regoli għaqlin joqogħdu sewwa għall-każ tal-lum u b'żieda ma' dak li ngħad aktar qabel;

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[25]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[26];

Illi huwa mgħallem ukoll li "*it is not only judicial remedies which must be sought, but every remedy under national*

[24] K Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Huma Rights (3[rd]. Edit, 2007) §I-040, pġ. 31 – 2
[25] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et***
[26] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

*law which may lead to a decision that is binding on the authorities, including the possibility of appeal to administrative bodies, provided that the remedy concerned is adequate and effective*"[27];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew żball manifest fl-użu tagħha; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[28]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[29]; u (ġ) meta r-

---

[27] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>*Theory & Practice of the European Convention on Human Rights*</u> (4th. Edit, 2006), pġ. 133

[28] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

[29] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**) u Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et***

rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[30];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[31];

Illi fil-qasam tal-istħarriġ tal-eżistenza ta' rimedji oħrajn xierqa, jinsab stabilit li "*With respect to the way in which and the time-limits within which proceedings must be instituted, national law is decisive. If in his appeal to a national court an applicant has failed to observe the procedural requirements or the time-limits, and his case has accordingly been rejected, the local remedies rule has not been complied with. ... The interpretation and application of the relevant provisions of national law in principle belong to the competence of the national authorities concerned*"[32]. Dak li jingħad dwar it-teħid tar-rimedji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali qabel ma wieħed jista' jmexxi każ quddiem il-Qorti ta' Strasburgu[33] jidher li jista', fil-qafas ġenerali, jgħodd ukoll għall-kwestjoni tat-teħid tar-rimedji "ordinarji" qabel ma wieħed jmexxi 'l quddiem bil-proċedura speċjali tal-ilment dwar ksur ta' jedd fondamentali quddiem il-Qrati nazzjonali;

Illi fl-aħħarnett il-Qorti jidhrilha li jkun xieraq tiċċita x'kellha xi tgħid il-Qorti ta' Strasburgu meta tkellmet dwar l-aspett ta' teħid minn applikant ta' rimedji ordinarji qabel ma jinbdew proċeduri dwar ilment ta' ksur ta' jeddijiet

---

[30] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[31] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***
[32] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op cit*, pġ. 134
[33] Ara art. 35(1) tal-Konvenzjoni

konvenzjonali f'każ li ċ-ċirkostanzi kienu jixbhu lil dan tallum. F'dak il-każ dik il-Qorti qalet li "*The Court reiterates that according to Article 35§1of the Convention, it may only deal with an issue after all domestic remedies have been exhausted. The purpose of this rule is to afford the Contracting States the opportunity of preventing or putting right the violations alleged against them before those allegations are submitted to the Court. Thus the complaint submitted to the Court must first have been made to the appropriate national courts, at least in substance, in accordance with the formal requirements of domestic law and within the prescribed time-limits. Nevertheless, the obligation to exhaust domestic remedies only requires that an applicant make normal use of remedies which are effective, sufficient and accessible in respect of his Convention grievances. The existence of such remedies must be sufficiently certain not only in theory but also in practice, failing which they will lack the requisite accessability and effectiveness.*"[34] Fil-fehma ta' din il-Qorti, dak li jgħodd għat-teħid tar-rimedji f'livell domestiku qabel wieħed imexxi quddiem dik il-Qorti, jgħodd b'xebh u fil-prinċipju mar-regoli hawn fuq imsemmija dwar it-teħid ta' rimedji "ordinarji" qabel ma jinbdew proċeduri bħalma beda r-rikorrent *nomine* fil-każ tal-lum;

Illi fil-każ li għandha quddiemha llum u fl-istadju tal-provi mressqa s'issa, l-Qorti tirrileva li r-rikorrenti mkien ma jikkontestaw l-għan pubbliku li għalih il-ġid kien ittieħed. Jekk inhu minnu wkoll li, meta nħarġet id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur-Ġenerali fl-1949 il-bini kien imġarraf bil-ħidma tal-għadu, qajla jista' jingħad li s-sidien iċċaħħdu mit-tgawdija tiegħu jew mid-dħul li s-sidien setgħu jiksbu minnu li kieku kien għadu bini wieqaf. Min-naħa l-oħra, l-ilment tar-rikorrenti dwar iż-żmien li ttieħed bejn meta l-bini ttieħed taħt pussess u użu u meta fil-fatt inbnew id-djar tal-Gvern ma jidhirx li seta' kien indirizzat b'xi rimedju ordinarju maħsub fil-proċedura fil-liġi tagħna. Jidher ukoll li, lil hinn mill-kwestjoni tal-kumpens mistenni, l-azzjoni tar-rikorrenti titlob stħarriġ dwar aspetti ta' dritt li t-tribunali

[34] Q.E.D.B. **22.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Saliba et vs Malta*** (Applik. Nru. 20287/10) § 36

ordinarji msemmija mill-intimati ma jidħlux fihom u ma jindirizzawx. Minbarra dan, il-fatt li r-rikorrenti jkunu nedew proċeduri quddiem l-organi ġudizzjarji jew kważi-ġudizzjarji kompetenti ma jżommx milli jistgħu jitnedew ukoll proċeduri ta' xejra kostituzzjonali li l-Qorti tista' tisma' qabel ma jkunu ntemmew dawk il-proċeduri l-oħrajn jekk kemm-il darba l-interess tal-ħarsien tad-dritt fundamentali jkun jitlob dan. Naturalment, dan isir biss fil-limiti tas-setgħat li din il-Qorti tgawdi bil-liġi u mhux b'teħid tas-setgħat jew kompetenzi tal-qrati jew tribunali ordinarji jew biex tiddeċiedi minflokhom;

Illi, wara li l-Qorti għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, hija tasal għall-fehma li l-intimati ma tawhiex raġunijiet tajba biżżejjed biex tilqa' l-istedina tagħhom li tagħżel li ma twettaqx is-setgħat kostituzzjonali tagħha biex tisma' l-każ imressaq quddiemha mir-rikorrent *nomine*, u dan għar-raġuni li r-rikorrenti *proprio* u l-awturi tagħhom fit-titolu ma kellhomx rimedji oħrajn tajba biex jistħarrġu u jirrimedjaw l-ilmenti tagħhom. Għalhekk, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-eċċezzjoni preliminari;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħed taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad il-ħames eċċezzjoni preliminari tal-intimati** u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju msejjaħ fil-kawża u tagħżel li twettaq is-setgħat tagħha li tisma' l-kawża;

**Tordna** li jitkompla s-smigħ tal-kawża bil-ġbir tal-provi u t-trattazzjoni fil-mertu, bla ħsara għall-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-intimati u tal-imsejjaħ fil-kawża; u

**Tordna** li l-intimati u lill-imsejjaħ fil-kawża **jħallsu l-ispejjeż** marbuta ma' din is-sentenza.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------